MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru 145/2004

**App Nru 145/04 (G)**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lewis Cordina**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lewis Cordina talli (**1**) fil-lejl ta’ bejn il-Hamis 19 u l-Gimgha 20 ta’ Settembru 2002 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel u partikolarment fix-xhur ta’ bejn it-22 ta’ April 2002 u d-dati fuq imsemmija ta’ Settembru 2002 (inkluzivament) bil-hsieb li jdejjaq lil Joseph u Helen, konjugi Cini, ghamel uzu hazin mill-apparat ta’ telekomunikazzjonijiet (telefon) billi uza l-istess apparat biex dejjaq lil Joseph u Helen Cini billi cemplilhom ripetutament telefonati fir-residenza taghhom fuq in-numru 21554130 u indirizzahom bi kliem oxxen u heddidhom ukoll bil-mewt u bi hsara fil-proprjeta`

taghhom, liema telefonati saru f'hinijiet differenti u anke fl-eqqel tal-lejl; u aktar (**2**) talli bhala ufficjal pubbliku u cioe` kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ikkommetta r-reati hawn fuq imsemmija meta kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li mihabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi li dawn ir-reati jsiru;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ta' l-24 ta' Gunju, 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-istess Lewis Cordina hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100); dik il-qorti ghamlet rakkomandazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-imputat [recte: il-hati] possibilment ma jghaddix proceduri dixxiplinari fid-dawl ta' dik is-sentenza u dan ghaliex, fil-fehma ta' dik il-qorti, huwa kien ha l-piena idonea "u anke in vista tar-rinunzja da parti tal-konjugi Cini";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Lewis Cordina, minnu ppresentat fis-7 ta' Lulju, 2004 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;

ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa ta' natura strettament legali. Huwa jikkontendi illi galadarba <u>fid-data meta allegatament sehhew ir-reati</u> li bihom huwa imputat kien mehtieg il-kunsens bil-miktub tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet jew it-talba tieghu sabiex jinbeda l-procediment fil-qorti, il-procediment kontrih ma setax jinbeda, kif effettivament inbeda, f'Lulju tal-2003 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fl-assenza ta' tali kunsens jew talba. Ghall-precizjoni din il-Qorti tosserva li l-att ta' citazzjoni inhareg mill-Ispettur Maurice Curmi fit-12 ta' Gunju, 2003 u permezz tieghu l-imputat Cordina gie msejjah biex jidher fl-24 ta' Lulju, 2003 quddiem il-Qorti Inferjuri aktar 'l fuq imsemmija. Fl-24 ta' Lulju, 2003 effettivament beda l-procediment kontra l-appellant odjern.

Issa, ma hemmx dubbju li qabel it-2 ta' Jannar, 2003 l-Artikolu 40(1)[1] tal-Kap. 399 kien jipprovdi li *"Ma ghandu jinbeda ebda procediment ghal reat taht dan l-Att minghajr il-kunsens bil-miktub tar-Regolatur jew fuq talba tieghu."* Kien biss mit-2 ta' Jannar, 2003 li, b'effett kumulattiv tal-Artikolu 58(i) tal-Att XXVII tal-2002 u tal-Avviz Legali 434 tal-2002, din id-disposizzjoni, cioe` l-Artikolu 40(1) gie jaqra hekk: *"Ma ghandu jinbeda ebda procediment taht dan l-Att, hlief ghar-reati taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 39, minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Awtorita`[2] jew fuq talba taghha."* Il-paragrafu (d) tal-Artikolu 39(1) (gja 34(1)) huwa proprju il-paragrafu li jikkontempla r-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni.

Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-appellant meta dan jikkontendi li hawn si tratta ta' disposizzjoni li tincidi fuq il-punibbilita` tal-fatt, b'mod li l-emenda li giet fis-sehh fit-2 ta' Jannar, 2003 ma tistax tapplika ghal reati kommessi qabel dik id-data. Huwa veru li diversi awturi taljani – fosthom il-Manzini, citat mill-abbili difensuri tal-appellant – jghidu li l-kwerela hija kondizzjoni tal-punibbilita` b'mod li, jekk kienet mehtiega fil-mument tal-kommissjoni tal-fatt illecitu, il-prosekuzzjoni ma tistax in segwitu ghal emenda fil-ligi tipprocedi *ex officio* fir-rigward ta' dak il-fatt. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tosserva fis-sentenza taghha tas-7 ta' Jannar, 2005 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. George Faenza, Joseph Faenza u Roderick Farrugia*** wiehed irid joqghod hafna attent meta jiccita minn awturi taljani, u dan peress li hafna drabi dawn ikunu qed jikkummentaw fid-dawl ta' disposizzjonijiet specifici tal-Kodici Penali taljan li ma jsibu ebda riskontru fil-ligi taghna. F'dik is-sentenza din il-Qorti kellha quddiemha il-kwistjoni ta' jekk id-dritt ta' appell "awtomatiku" ta' l-Avukat Generali (cioe` appell fuq fatti u mhux fuq punti ta' dritt) kienx applikabbli fil-kaz fejn l-allegati reati kienu sehhew ferm qabel ma l-istess Avukat Generali kien inghata tali dritt. Din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

[1] Gja Artikolu 35(1) – ara r-rienumerazzjoni effettwata bis-sahha ta' l-Artikolu 31 u t-Tieni Skeda tal-Att XVIII tal-2000.
[2] Li nel frattemp hadet il-post tar-Regolatur.

"… apparti x'ghidu l-awturi taljani, li hafna drabi jkunu qed jikkummentaw dwar disposizzjonijiet specifici ta' ligi li ma jsibux riskontru identiku fil-ligi taghna, il-ligi u l-gurisprudenza taghna in materja ta' non-retroattivita` tad-dritt penali hija cara. Ferm qabel ma kellna l-Kostutizzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju *nullum crimen, nulla peona sine lege* li minnu titnissel il-regola konkomitanti tan-non-reatroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-principju llum jinsab kritallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[4]. Kif jispjegaw Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb taghhom ***Human Rights and Criminal Justice*** [5]:

**"'There are thus too closely connected principles underlying Article 7. The first is that the substantive criminal law should be sufficiently accessible and precise to enable an individual to know in advance whether his conduct is criminal; and the second is that developments of the criminal law by the courts (whether through the interpretation of statutory offences, or the development of common law offences) must be kept within the bounds of what is reasonably foreseeable."** [6]

"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-non-reatroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li,

---

[3] 39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."

[4] 7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[5] Sweet & Maxwell (London), 2001.

[6] P. 282, para. 10-05.

bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta’ applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-“procedura” gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta’ din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta’ Jannar, 1989 fl-ismijiet ***The Republic of Malta v. Ravi Ramani*** u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar, 1992 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri***. Jinghad “bhala regola” ghax ma huwiex eskluz li jista’ jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta’ dak l-att jew ta’ dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`.”

Il-kwistjoni li trid, ghalhekk, tigi determinata llum hija jekk il-kunsens bil-miktub tal-Regolatur (u wara, tal-Awtorita`) jew it-talba tieghu ghalbiex jinbdew procedimenti tistax titqies li direttament tincidi fuq il-punibbilita` tal-att jew ommissjoni meritu ta’ l-imputazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti r-risposta hija fin-negattiv. Biex materja tincidi direttament fuq il-punibbilita` trid tkun prekondizzjoni essenzjali ghal tali punibbilita`, bhal, per ezempju, in-non-dekorriment tal-periodu tal-preskrizzjoni, u mhux semplicement prekondizzjoni ghall-ezercizzju tal-azzjoni li tista’ twassal ghal tali punibbilita`. Jekk wara li jkun iddekorra il-periodu tal-preskrizzjoni, dak il-periodu, b’emenda fil-ligi, jigi estiz, dak li jkun allura sar “mhux aktar punibbli” ma jistax jigi ravvivat billi l-preskrizzjoni ghal dak ir-reat partikolari tigi dikjarata li hija itwal. Mill-banda l-ohra, jekk il-periodu tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadu ddekorra, u b’emenda introdotta qabel tali dekorriment dak il-periodu jigi estiz, ma jistax jinghad li kawza li tkun bdiet f’dak il-periodu hekk estiz tkun ghamlet punibbli dak li sa dak inhar ma kienx. Il-kwerela jew il-kunsens bil-miktub ta’ xi awtorita` -- din ta’ l-ahhar, addirittura, tissospendi l-preskrizzjoni (Art. 691(2), Kap. 9) -- hija semplicement prekondizzjoni ghall-ezercizzju ta’ l-azzjoni li tista` talvolta twassal ghall-punibbilita`. Ta’ l-istess parir huwa l-Antolisei li, wara li jghid li diversi awturi huma fil-fatt tal-fehma li *“…fra le condizioni di punibilita`*

*dovrebbe essere annoverata la querela…"* jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex huwa ma jaqbilx, fosthom li *"…perche` chiunque, piu` che alla forma, guardi alla sostanza delle cose, non puo` non giungere alla conclusione che la querela altro non e` che una dichiarazione di volonta` diretta a rimuovere un ostacolo al promuovimento dell' azione penale."* [7] Hekk ukoll hija l-kwerela fid-dritt penali taghna – dikjarazzjoni ta' volonta` li tnehhi l-ostakolu ghal-prosegwiment ta' l-azzjoni penali li hija essenzjalment azzjoni pubblika li titmexxa *ex officio* – ara l-Artikoli 4, 543 u 544 tal-Kodici Kriminali. Tant il-kwerela hija semplicement ostakolu procedurali, u mhux, kif qed jippretendi l-appellant, prekondizzjoni essenzjali ghall-punibbilita`, li meta l-azzjoni tkun tiddependi esklussivament fuq tali kwerela, l-istess volonta` li tkun nehhiet l-ostakolu tista` terga' tqeghdu sal-mument li jkun hemm sentenza finali – Artikolu 545(1).

**"Per le esposte considerazioni ed in conformita` dell'opinione di una larghissima corrente dottrinaria, che negli ultimi decenni accenna decisamente a prevalere, noi riteniamo che la querela sia un istituto di carattere esclusivamente processuale e precisamente una *condizione di procedibilita`*, come, del resto, la dichiara in modo esplicito l'art. 17 del codice di procedura penale Rocco, mentre il codice Vassalli nel titolo terzo del libro quinto pone espressamente tra le condizioni di procedibilita` la querela, istanza e l'autorizzazione."** [8]

Ghal dawn il-motivi kienet korretta d-decizjoni tal-abbili Magistrat (tal-15 ta' April, 2004, fol. 46, 47) li rriteniet li wiehed irid ihares lejn id-data meta nbeda l-procediment penali bil-hrug tac-citazzjoni, data meta, fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, ma kienx hemm il-htiega ta' kwerela jew awtorizzazzjoni izda l-pulizija setghu imexxu *ex officio*. Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi l-ewwel aggravju ta' l-appellant.

---

[7] Antolisei, F. ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, p. 662.
[8] *ibid.*

Fil-meritu, l-appellant jikkontendi li l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi, b'mod li s-sentenza moghtija mill-ewwel qorti ghandha titqies bhala "unsafe and unsatisfactory". Huwa jadduci diversi ragunijiet ghal din l-asserzjoni: li l-ewwel qorti skartat jew interpretat hazin id-deposizzjoni ta' PC 1531; id-diskrepanzi bejn in-notamenti ta' Cini dwar il-hinijiet u l-postijiet mnejn saru t-telefonati, u r-"records" tal-pulizija dwar fejn kien xoghol l-appellant f'dawn il-granet u hinijiet; il-mod, minnu msejjeh "skombussolat", li bih tmexxiet il-prosekuzzjoni, b'certi xhieda mitluba mill-istess qorti li baqghu ma xhedux, u b'"casette tape" ezibita mill-prosekuzzjoni izda li qatt ma tqeghdet a disposizzjoni tad-difiza sabiex din tkun tista' tazaminaha.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha – ad eccezzjoni tal-"casette tape", li din il-Qorti ma tqisha, fic-cirkostanzi, ta' ebda valur probatorju – inkluzi l-provi prodotti mid-difiza fi stadju ta' appell, u hi tal-fehma li l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati. Ghalkemm huwa veru li jista' jaghti l-kaz li xi whud mit-telefonati ma ghamilhomx l-appellant, dwar ohrajn ma jistax ikun hemm dubbju li ghamilhom huwa. Mhux biss Helen Cini identifikat il-vuci fil-kaz ta' wahda minn dawn l-ewwel telefonati – fatt, dan, veru li wahdu jista' ma jkunx bizzejjed – izda fil-kaz mill-anqas ta' tliet telefonati (dik ta' l-1 ta' Gunju, 2002 u z-zewg telefonati tat-18 ta' Settembru, 2002) l-appellant jista' effettivament jinghad li nqabad fil-fatt minn Joseph Cini jaghmel dawn it-telefonati ghad-dar tieghu. Huwa veru wkoll li l-prosekuzzjoni qatt ma gabet lir rapprezentant tal-Maltacom biex jikkonferma li n-numri moghtija minn Joseph Cini bhala li huma ta' certi "phone booths" fil-fatt kienu korretti. Mill-banda l-ohra kemm Joseph Cini kif ukoll martu Helen spjegaw kif huma gabu dawn in-numri (billi Joseph Cini kien dar il-"booths" kollha u minnhom cempel id-dar tieghu, b'mod li rregistra n-numru ta' kull "booth"), u din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, ma tarax ghala ma kellhiex toqghod fuq din l-ispjegazzjoni – wara kollox din ma kienitx xi haga teknika li kienet necessarjament tirrikjedi hila jew sengha specjali, jew li kienet tirrikjedi xi "opinjoni". Galadarba l-ezercizzju, biex il-kunjugi Cini jkunu jafu n-numri tat-telefon tal-"booths"

f'Ghawdex (u anke fl-inhawi tal-Mellieha) ma giex kontestat, ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi ghala l-ewwel qorti kellha tiskarta dak l-ezercizzju maghmul minnhom. Huwa veru li fil-kaz ta' xi whud mit-telefonati huwa difficli biex wiehed jispjega kif saru minn Ghawdex meta l-appellant suppost li kien Malta (skond id-detail, kif ukoll skond ix-xhud Lorraine Barbara), pero` jibqa' l-fatt li mill-kumpless tal-provi din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata billi kien hemm certament telefonati anonimi ohra li minnhom illamentaw il-konjugi Cini li ma hemmx dubbju li ghamilhom l-appellant.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) V. DeGaetano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------